# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D. – AĠENT PRESIDENT

## ONOR. MARK CHETCUTI LL.D.

## ONOR. ROBERT G. MANGION LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Jannar, 2018**

**Kawża Numru 1**

**Appell Numru 35/16/1JVC**

Sharon Rose **ROCHE** *nee'* Bellamy

vs

**ID-DIRETTUR TAD-DIPARTIMENT GĦALL-*ISTANDARDS* FIL-ĦARSIEN SOĊJALI** u l-Avukat Jean Paul Grech in rappreżentanza tal-imsiefer Dean Michael Roche

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment li qiegħed jingħata wara talba magħmula mir-rikorrenti appellanti b'rikors tagħha tas-6 ta' Ottubru, 2017, li bih u għar-raġunijiet minnha hemm imfissra, talbet lil din il-Qorti tieqaf milli tkompli tisma' u taqta' l-appell imressaq minnha minn sentenza mogħtija mill-

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali fit-2 ta' Diċembru, 2016, u dan sakemm tinstema' u tinqata' l-kawża mressqa minnha quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)[1] dwar ilment tagħha ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq minħabba provvediment mogħti minn din il-Qorti fis-17 ta' Awwissu, 2017, li bih ma laqgħetx talba ta' rikuża mressqa mill-istess appellanti;

2. Rat it-Tweġiba mressqa mill-Avukat Jean Paul Grech għall-appellat Dean Michael Roche fis-17 ta' Ottubru, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qal li ma jeżistux ir-raġunijiet biex it-talba tal-appellanti tintlaqa';

3. Rat it-Tweġiba mressqa mid-Direttur appellat fl-20 ta' Ottubru, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, opponiet għat-talba tas-soprasessjoni;

4. Semgħet it-trattazzjoni tar-Rikors mill-avukati tal-partijiet;

5. Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Novembru, 2017, li bih ħalliet il-kawża għal-lum biex jingħata l-provvediment mitlub;

***Ikkunsidrat:***

6. Illi r-rikorrenti appellanti qiegħda titlob lil din il-Qorti biex tieqaf milli tkompli tisma' u taqta' l-appell imressaq minnha sakemm tkun inqatgħet kawża dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali li hija fetħet jumejn qabel (fl-4 ta' Ottubru, 2017), b'riżultat ta' degriet mogħti minn din il-Qorti fis-17 ta' Awwissu, 2017, u li bih ċaħdet talba tal-istess appellanti ta' rikuża fir-rigward tal-imħallfin li qegħdin jisimgħu l-istess appell;

7. Illi l-appellanti ssejjes it-talba tagħha fuq bosta argumenti li, miġburin fil-qosor, jikkonsistu filli tgħid li ladarba l-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tagħha jissejjes fuq il-fatt li ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq meta din il-Qorti, kif komposta, iddeċidiet talba għar-rikuża tal-istess imħallfin li iddeċidew jekk kellhomx jilqgħu t-talba tar-rikuża, għalhekk ikun xieraq u meħtieġ li din il-Qorti kif issa komposta ma tkomplix tisma' l-

[1] Rik. Kost. 77/17LSO

appell tagħha qabel ma tinqata' dik il-kawża ta' ksur ta' jedd fundamentali. Għaddiet biex ressqet sensiela ta' sottomissjonijiet li bihom riedet issaħħaħ it-talba tagħha;

8. Illi l-appellati opponew għat-talba għar-raġunijiet imsemmijin minnhom fit-Tweġibiet li kull parti minnhom ressqet;

9. Illi xieraq jingħad li huwa aċċettat li s-soprasessjoni tas-smigħ ta' kawża tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir. Madankollu, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa[2], trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir[3]. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[4], li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens*[5] u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;

10. Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik[6]. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju[7]. Huwa provvediment li jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'[8]. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju"[9] li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf[10];

---

[2] Art. 195(1) tal-Kap 12
[3] App. Ċiv.: **28.10.1935** fil-kawza fl-ismijiet ***Mifsud noe vs Abela et.*** (Kollez. Vol:**XXIX.i.1295**);
[4] P.A. Kost.: **12.8.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.211**)
[5] Kost. **20.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Onor. Prim'Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.171**) u P.A. Kost LSO **21.7.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et*** (*in parte*)
[6] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **23.6.1869** fil-kawża fl-ismijiet ***German et vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **V.157**); P.A. **23.1.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Żammit*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.197**) u App. Kumm.: **26.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttiġieġ et noe*** (mhix pubblikata)
[7] App. Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia et vs Beżżina et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.338**)
[8] App. Ċiv. **4.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Pisani*** (Kollez. Vol: **XLI.i.547**)
[9] P.A. **23.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.83**)
[10] P.A. **12.4.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi et vs Critien pro et*** (Kollez. Vol: **XLVI.ii.591**) u App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima et vs Frendo et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.393**)

11. Illi fuq kollox, il-Qorti ma għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-oħra tkun sejra ġġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien[11]. Il-Qorti tinnota li t-talba magħmula mill-appellanti tissejjes fuq il-fatt li jekk kemm-il darba tingħata raġun fil-kawża dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali, ikun ifisser li l-provvediment mogħti minn din il-Qorti fis-17 ta' Awwissu, 2017, ma jkunx jiswa. Prinċipju li ntlaqa' mill-Qorti Kostituzzjonali f'dan ir-rigward hu li dik il-Qorti ma tindaħalx fit-twettiq minn xi Qorti oħra dwar jekk għandhiex tilqa' jew tiċħad talba għal soprasessjoni, sakemm tali Qorti ma "tkunx imxiet b'mod irregolari jew ħadet deċiżjoni manifestament żbaljata"[12];

12. Illi din il-Qorti tagħraf bejn dawk il-provvedimenti ordinatorji li tagħti kull Qorti li jolqtu l-qalba tal-proċediment u dawk li jkunu maħsuba biex irażżnu xi tentattiv ta' xi waħda mill-partijiet biex il-każ jittawwal bla bżonn jew jintilef f'dettal mhux ewlieni jew siewi għas-soluzzjoni tal-każ. Jidher li l-istħarriġ dwar ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq huwa iżjed rigoruż f'tal-ewwel milli f'tat-tieni, għaliex sakemm id-deċiżjoni taċ-ċaħda fl-ewwel każ ma tintweriex li hija waħda għal kollox irraġonevoli jew arbitrarja, deċiżjoni bħal dik taqa' fl-ambitu tal-funzjoni deliberativa ta' dik il-qorti u għalhekk qajla tissarraf fi ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq[13];

13. Illi meta l-Qorti qieset dawn il-konsiderazzjonijiet kollha fil-qafas tal-fatti u taċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ tal-akkużat, issib li ma jirrikorrux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tilqa' t-talba tal-appellanti. Hija tqis li, kif tajjeb issottometta l-appellat *nomine*, din it-talba tagħha ma toqgħodx ma' talba oħra li hija għamlet b'rikors ieħor tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2017[14], fejn talbet biex din il-Qorti, sewwasew kif komposta, tipprovdi dwar talba tagħha biex tirreferi kwestjoni mqajma minnha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

14. Illi, b'żieda ma' dan, il-Qorti jidhrilha li kieku kellha tilqa' t-talba għas-soprasessjoni, se jiġġarrab preġudizzju lill-minuri maqbud f'dawn il-ġrajja ġudizzjarji li għalih id-dewmien mhux meħtieġ tas-soluzzjoni tal-każ taf tħalli effetti ħżiena fuqu jew tkabbar dawk li diġa' ġarrab;

15. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tal-appellanti kif magħmula fir-Rikors tagħha tas-6 ta' Ottubru, 2017, bl-ispejjeż ta' dan l-episodju jitħallsu minnha.

---

[11] P.A.. JZM **25.3.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Amber Properties Ltd vs Central Holidays (Travel Agents & Organisers) Ltd et*** (*in parte*)
[12] Kost. **17.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.i.149**)
[13] Q.E.D.B. **18.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Wiezrbicki vs Polonja*** (Applik. Nru. 24541/94) §§ 39 u 45
[14] Li l-provvediment dwaru qiegħed jingħata llum ukoll

**Moqrija**

| | | |
|---|---|---|
| **Joseph R Micallef** | **Mark Chetcuti** | **Robert G Mangion** |
| **Imħallef** | **Imħallef** | **Imħallef** |

**16 ta' Jannar, 2018**